# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil ġimgha il Cbira u il ġimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba ħ tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. — IT-TLIETA, it-3 TA DICEMBRU, 1912. — NRU. 43.




**PIETRU PACE**

GHALL GRAZZJA T'ALLA U TAL CNISJA MKADDSA

## ARCI-ISKOF TA RODI U ISKOF TA MALTA

**Suggett biss lejn li sfess Papa**

**U TAL IMKADDES SINJUR TAGHNA PIJU GHAXRA**

**Prelat Domesticu**

etc. etc. etc.

*Gheżież Ħuti u Uliedi l'actar maħbuba fl'isem ta Mulejna, Capitlu, Cleru u Poplu—lilcom Saħħa u Barca.*

*Gheżież Ħuti u Uliedi l'actar maħbuba,*

Aħna, b'ghokla Taghna cbira, chellna b'*Ittra Pasturali Taghna* tat-23 ta Ottubru 1911, natu il piena ta li *Scumunica* lill Manŭel Dimech u inżommu Ghalina biss li 'nħolluħ minnha, ŭara li conna ŭiddibnieħ fil-fieraħ b'*Ittra Pasturali Taghna*, li ħriġna kabel, fil 11 ta Ottubru 1911, fuk it-taghlim contra il ligi-nisranija li hu chien kieghed ixerred f'gażetta moħruġa minnu bil malti, taħt l'isem tal *Bandiera tal Maltin*, bħala leħen tax-Xirca minnu ucoll imŭakkfa u imsemmija ix-*Xirca tal Imdaŭlin.*

Billi il Cnisja, mita tati pieni bħal daŭn, ma tixtiekx ħlief li jindmu daŭc l'ulied mitlufa li tcun ŭiddbet ghal-xejn, Aħna conna nittamaŭ li l'imsemmi Manŭel Dimech, ta Cattolicu li jemmen tas-seŭ u imċaklak minn dic il piena, jokghod ghat-tmexxija tar-Raghaj ta ruħu, ghax Lilu biss hu moghti mil li Spirtu is-Santu li jirgha il merħla tieghu u jaghżel il mergha it-tajjba mil ħażina: imma iż-żmien li chien ghaddejj katt ma katghalna il jes ta dic l'indiema mixtieka: u illum bil ferħa 'nħabbrulcom li Dimech bica dnubu, talabna maħfra u ŭeghdna li jokghod ghat-taghlim t'Ommna il Cnisja 'Mkaddsa. Akraŭ xi stkarr:

«Jen, li haŭn ismi mniżżel taħt, nistkarr «li niċħad dac collu li deher fil gażetta bil «malti—*Il Bandiera tal Maltin*—immexxija «minni, u li mħabba fiħ l'Eccellentissimu «u Reverendissimu Monsinjur Iskof ta Mal«ta iccundanna dic il gażetta flimchien «max-*Xirca tal Imdaŭlin* minni 'mŭakkfa; u «tà lili il piena ta li Scumunica. Fil ŭakt «li nistkarr ucoll li jen mgholli ghal daŭn «il ġrajja, inŭieghed li ma naghmel xejn «u ma nicteb katt (ħŭejjeġ) li jistghu jiġu «iccundannati mit-Taghlim t'Ommna il Cnisja «Mkaddsa Cattolica, ghax nemmen b'fidi «sħiħa cull-ma tghallem u inŭieghed li ghandi «dejjem nimxi maħħa.

«Fit-12 t'Aŭissu, 1912.

«MANŬEL DIMECH.»

Aħna irridu 'nżommu din l'indiema b'minnha u gejja mil kalb: u ghalhecc ħollejnieħ mil piena ta li Scumunica, li conna tajnieħ bl'imsemmija Ittra Pasturali Taghna tat-23 ta Ottubru 1911. Jaghmel Alla, ghax hu biss il Missier tad-dŭal, li, fis-Setgha Taghna ta Iskof, ma icollna katt naslu biex natu minn daŭn il pieni, li inicctu ŭisk il kalbna! B'din it-talba, li Aħna inkieghdu ucoll fuk xuftejcom, l'actar f'daŭn iż-żmienijet ta takbida ħarxa contra il Fidi, natucom bil kalb il Barca Pasturali Taghna.

Mil Palazz Taghna tal Belt, fis-26 ta Novembru, 1912.

† P. ARCI-ISKOF, ISKOF TA MALTA.

Dun Frangisc Vella,
*Vici-Cancillier.*

---

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Cardinal Ferrata.

Jinghad—ghax hecc ħabbru it-*Tribuna* u gażetti oħra taljani u ingliżi ta Barra—li b'Legat tal Papa ghall Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali ta Malta giè maghżul il Cardinal Dumincu Ferrata: u m'hemmx bżonn nghidu li din l'aħbar feraħ biha cull-ħadd, ghax dan l'Eminentissimu Princep tal Cnisja Mkaddsa m'hux ŭiċċ ġdid ghalina: u, jecc aħna, mindu il Papa chien baghtu jincuruna ix-Xbiħa ghażiża tal Immaculata Cuncezzjoni ta Marija (fil Culleġġjata ta Bormla), bkajna dejjem niftacru fiħ b'kima cbira, Hu inkas ma 'nsiena. Akraŭ x'chiteb fis-sitta t'aŭissu li ghadda, lid-Direttur tal *Habib*, bħala Segretarju tal *Camra Pontificja Maltija* (ghax il Cardinal Ferrata, fost il ħŭejjeġ l'oħra, hu ucoll il Patrun ta din ix-Xirca taghna, maghmul mil Papa Lêuni Tlittax), b'risposta tal ittra li chienet baghtitlu il Camra Pontificja minn haŭn, biex tatiħ, nhar il Kaddis tieghu, il festi it-tajjba, chif in hi 'mdorrija taghmel cull sena: akraŭ:—

«Ruma, 6 t'aŭissu 1912.

«Sur Cav. Muscat-Azzopardi,

«Irrid, bla telf ta żmien xejn, naghmel il ħelu dmir li niżżic-ħajr tal ferħ li ctibtli bil-kalb, fl'isem tieghec u fl'isem ta dic il Camra Pontificja, fil jum tal Kaddis tieghi. Din hi xhieda oħra tat-tieba taghcom ghalija u jen inħossha ferm geŭŭa ruħi.

«Laktitni ucoll ix-xeŭka li urejtuni, f'li stess ittra ghażiża tieghec, li tarġġhu taraŭni Malta ghall *Cungress Eŭcaristicu*: fuk dan ghadni ma nista nghid xejn fis-sgur: imma nghid li jen katt ma 'nsejt actar il Malta—u, bla dubju xejn, il *Cungress Eŭcaristicu* jirnexxi cbir (*splendidu*), chif jixrak lill fidi u lit-tieba tal Maltin, li huma maghrufa ma cullimchien.

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

«B'turija ta stima mill'actar maghżula, nistkarr b'kalbi collha li jena

«tas-Sinjurija tieghec

«bl'acbar kima

«DUMINCU CARDINAL FERRATA.»

Min chif jicteb, bl'acbar umiltà u bl'acbar ħleŭŭa, dan il Princep tal

Cnisja Cattolica, li, kabel ma giè mgholli fil *Culleġġ Imkaddes tal Cardinali*, chien mibghut mil Papa Lêuni Tlittax bħala *Nunzju* (*Ambaxxatur*) tieghu il Belgju u Franza, fejn kaghd bosta snin u ħalla ŭarajħ fama cbira tal gherf u tad-dehen li bihom żejjnu Alla, jidher ċar x'ruħ u x'kalb ghandu: imm'aħna ma ghandniex bżonn niftacru dan collu u inkas ghandna bżonn nghidu li il Cardinal Ferrata hu miżmum geŭŭa Ruma b'ŭieħed mill'akŭa pilastri tal Vatican u imsemmi dejjem kuddiem fost daŭc li huma l'actar mghajjtin bħala *Ŭerrieta tal Imkaddes Piju Ghaxra*, ghax haŭn Malta, fil festi ta Bormla, fil Pontificali ta *Corpus* u ta *San Ġŭann* u ŭisk actar mad-Deputazzjonijet tal Cleru u tas-Seculari li marru iżuruħ bil mijet il Palazz tal Iskof, uriena chemm hu Sacerdot u Ragel cbir, li ghadna u issa nibkghu iżjed imsaħħrin ghaliħ bil kima u bl'imħabba ta Poplu Cattolicu u Civil li aħna.

Bla xejn dubju, chif in-huma rŭieħna u klubna marbutin ma Ruma bil ctajjen tal Fidi nisranija li ħaŭŭel haŭn l'Appostlu Missierna San Paŭl biex katt ma tinħasad actar, aħna conna nilkghu bil kima u bil ferħa, chien min chien, il Legat tal Papa: u fil persuna tieghu conna nivveneraŭ il Mibghut tal Imkaddes Piju Ghaxra: imma fil persuna tal Eminentissimu Ferrata il Maltin ma jaraŭx biss il Legat Pontificju, il Princep tal Cnisja Mkaddsa, il Cardinal imsemmi mad-dinja ghall gherf, ghall ħrara u ghat-tieba, l'Arci-Iskof scond il Kalb t'Alla u tal Poplu Nisrani—iżda jaraŭ ucoll il Maħbub tal Maltin, li Minnhu f'li stess ŭakt huma bil ŭisk maħbuba u jaraŭ il Protettur tal Camra Pontificja Maltija—jaraŭ Dac li, mita giè Malta u rabat ismu ghal-dejjem mal Curuna tax-Xbejba minghajr tebgha, mar Ruma jiftaħar bîna u kâl ħŭejjeġ cbar lill Papa fukna, chif ghamel ucoll, f'ħajjet Alla l'imbierec, Monsinjur Heylen u chif jaghmlu tas-seŭ il Cbar collha, ghax aħna ma iŭaġġhuniex u ma iżebilħuniex ħlief iż-żghar u il cburin li ighiru ghalina.

## Il Caxxa tat-Tifdil.

Għat-tieni darba sejjer nati il contijit tal *Caxxa tat-Tifdil*. Stajt stennejt għalhecc l'aħħar tas-sena, li hu magħna, chif actarx jagħmel collmin għandu f'idejħ flus ħaddieħor biex jati il contijit. Imma jien b'daŭn il contijit, barra milli 'rrid nati soddisfazzjon lis-*Sottocumitati* u lil chemm nies għoġobhom jifdaŭ it-tifdil tagħhom lil *Cumitat tal Għakda tal Appostolat tat-Talb*, irrid ucoll nkankal daŭc is-*Sottocumitati*, li s'issa bakgħu b'idhom f'idhom, ma ħabircux biżżejjed biex iŭakkfu il *Caxxa tat-Tifdil* firrħula tagħhom, u nħajjar actar in-nies biex ikegħdu flushom f'di'l *Caxxa*, li għal min irid ikigħed xi ħaġa fil genb takbillu ŭisk, għax jista jagħmlu u ikigħed flusu fiha bla taħbit xejn, għax isib krib minnu il *Caxxier*, mingħajr ma għandu bżonn jidħol il belt u iħalli mix-xogħol jeŭ inchella iħallas biex ħaddieħor jigi jakdih ikegħedhomlu f'*Banc*. Hecc ucoll biex jarġa' jieħu l'ura flusu, meta iridhom, jeŭ biex idaħħal l'imgħax jista' jakdih il *Caxxier* tal belt jeŭ tar-raħal tiegħu mingħajr ħabba spiża. Il *Caxxa* chienet mixja tajjeb ħafna, imma minn ftit taż-żmien il haŭn kabdet sejjra torkod; u fukhecc li jiena għaġġilt ngib fuk il *Habib* daŭn il contijit. Minnhom jista' collħadd jara chemm il *Cumitat tal Għakda tal Appostolat tat-Talb*, li kankal din il *Caxxa tat-Tifdil*, kiegħed imexxiha bir-rekka; li il flus li fdaŭlu, barra minn daŭc li geŭ meħudin l'ura, huma collha fil *Banco di Malta*, saħansitra l'imgħax tal ŭieħed fil mija, li imiss lilu ħalli jatih carità, ma ridx imissu, biex juri chemm chien fieraħ l'għajdut ta xi nies, li donnhom għandhom f'kaddishom li ifixclu coll opra tajba. U din hija opra tajba tasseŭ, mux biss għax, bħalma rajna, teħles minn ħafna taħbit u spejjes lil min irid iŭarrab xi ħaġa għal meta jigi bżonnha, imma ucoll għax hija għal snien collħadd, billi f'din il *Caxxa tat-Tifdil* tista' tkiegħed mkar sold, u għax, u dan l'akŭa, hija maħsuba għal għajnuna tal fkar bla ma tokros but ħadd, billi mit-tlieta u nofs fil mija, li għoġbu jatina il *Banco di Malta* biss, għax ra li din il *Caxxa tat-Tifdil* chienet opra tal ħniena, ŭieħed minnhom, chif igħidu ir-*Regulamenti* tagħha, *għandu jintefak fil għajnuna tal fkar*. Min jaf jecc din iżżerrigħa żgħira għadx issir siġra cbira li taħta jiġu jischennu u jitfarrġu il cotra tal fkar u l'*industriji*, li ma jistgħux jakbdu art haŭn, mħabba fin-nukkas ta flus, jeŭ aħjar, għax min għandu u kiegħed tajjeb ŭisk jimpurtaħ li jara pajjisu jintrafa' ftit u igħin ruħu bħalma illum jagħmlu il pajjisi collha f'din it-takbida għal ħajja. U jecc l'industriji ma jitŭakkfux kalbna, nakgħu fil fakar illum actar minn għada, għax igħid il proverbju, u dan ma iħassru ħadd: *Tieħu ma trodd, is-sŭar iħodd*. Ix-xogħlijit tal *Gvern Imperiali* naksu haŭn, tista'tgħid, għal collox, u għal flus li nibatu barra bir-radam, biex ingibu mitt ħaġa li neħtieġu għal ħajja u immelsu id-duda tal misħut logħob, m'humiex deħlin oħrajn. Dan kalu, kalbu trid tinkasam, f'articlu li deher m'hilux ŭisk fil *Habib*, il *Prof. Cav. N. Tagliaferro*, li chien *Direttur tal Istruzjoni Pubblica*, u li hu ŭieħed minn daŭc li iħobbu tasseŭ lil pajjishom. Oh li Malta chellha kabda nies tal katagħ ta dan! U is-*Sur Evarist Castaldi*, li ucoll iħobb lil pajjisu, ried igib minn barra, biex jatiħ lil *Istitut ta Cini*, neŭl (*telajo meccanico*) u nistħi ngħid għadu sa'llum ma satax jiġbor il flus biex jixtrieħ, għax min hu kiegħed tajjeb, narga'ntenni, donnu ma iħennx għal pajjisu.

Mela ftit tal ħeġġa actar fis-*Sottocumitati tal Caxxa tat-Tifdil*, u daŭc li s'issa ma ħadu ebda ħsieb biex iŭakkfuha fir-raħal tagħhom u ħalleŭ ir-*Registru* u'l *Libretti* jitgħatteŭ bil għabra, jistenbħu ftit. Il Cappillani li huma lejl u nhar mdaŭrrin bil fokra, u kalbhom trekk jaraŭ li ma jistgħux jekfu magħhom, bil *Caxxa tat-Tifdil* inakksu il cotra tal fkar, billi bosta minnhom, kabel ma ŭaslu fil għacs, icunu ħasbu iŭarrbu xi ħaġa għal meta jiġu bżonnha fil *Caxxa tat-Tifdil*, u din tcun tista' tatihom, bħalma diġà għamlet, ħobs għal imgeŭħin u flus għal min icun irid ifittex barra minn Malta ix-xogħol biex igħix. Tasseŭ li il *Cumitat* dic id-darba il flus ma ħarigħomx mil *Caxxa tat-Tifdil*; imma jecc din tgħaddi il kuddiem, chif għandi tama cbira, minn dac il ŭieħed fil mija, chif għidt, icun jista' jati bosta actar.

«Xogħol żejjed li ma għandniex bżonnu!» U mela x'għandi ngħid jien! issa gej *Caxxier* biex jatini il flus li ġabar u natih l'ircevuta, issa ieħor biex jarġa' jieħu l'ura xi flus milli chien kiegħed, għax talbuhomlu, u issa ieħor b'kabda *Libretti* biex natiħ l'imgħaxijit li għalku u iriduhom, xogħol ta rekka cbira u żmien tŭil. U's-seftura tghemghem tiela u nieżla mgħat-taraġ, għax riglejja ma għadhomx tagħha. X'ingħidu mbagħad għar-*Reġistri*? Dun Frangisc Vella, ŭieħed mil *Membri* tal *Cumitat*, jista' igħidilcom xi ħaġa, għax dan ix-xogħol jagħmlu collu hu u mbagħad *nicceċchjaŭħ* flimchien; u ħakku tasseŭ min ifaħħru, għax jagħmlu tabilħakk bil kalb, għalchemm għandu x'jagħmel biżżejjed Imma ebda faraġ m'hu eħla għal kalb tasseŭ nisranija miḷ gîd li ŭieħed jagħmel lil għajru,

DŬN PAŬL.

Contijit li tati il *Caxxa tat-Tifdil* mkankla mil *Għakda tat-Talb* sas-27 ta Novembru 1912:—

| | Flus imkiegħdin | Meħudin l'ura |
|---|---|---|
| Sottocumitati: | | |
| Centrali (*Palazz Carafa*) | £1215.14. 1 | £ 321.10. 6 |
| Parroccia ta S. Paul | „ 519.16. 7 | „ 313. 0. 4 |
| „ „ S. Dumincu | „ 347.18. 0 | „ 66.16. 2 |
| Il Mosta | „ 327.18. 4 | „ 67. 9. 6 |
| Haz-Zabbar | „ 276.19. 9 | „ 8.17. 0 |
| Cnisja ta Ljes | „ 183. 0. 2 | „ 8. 0. 0 |
| H'Attard | „ 112. 8. 3 | — — — |
| L'Isla | „ 95.10. 5 | — — — |
| Ir-Rabat | „ 94.17. 8 | „ 11. 1. 0 |
| Il Furjana | „ 92. 5. 5 | „ 62. 4. 3 |
| Birchircara | „ 49.15. 7 | — — — |
| Orat. Sales., Sliema | „ 35. 4. 4 | „ 24.11. 1 |
| Bormla | „ 33. 0.11 | — — — |
| L'Imsida | „ 23.13. 9 | „ 4. 2. 7 |
| Har-Gharghur | „ 23. 4. 3 | „ —10. 0 |
| Iz-Zejtun | „ 11. 3. 4 | „ 4. 5.10 |
| Id-Dar ta S. Giusepp (Hamrun) | „ 10. 9. 4 | „ 1. 2. 9 |
| Hal Kormi | „ 2.14. 4 | „ — 4. 2 |
| Mghax mil *Banc ta Malta* sa't-30 ta Giunju 1912 | „ 63.11. 2 | ... ... ... |
| | £ 3519. 5. 8 | ... ... ... |
| Siui ta 672 Librett | | „ 2.16. 0 |
| Mghaxijit imhallsin | | „ 27. 4. 3 |
| | „ 923.15 5 | £ 923.15. 5 |
| Bkija | £ 2595.10.3 | |

Can. P. Galea,
Tesorier.

Mghoddi mil Cumitat
Fis-27 ta Novembru 1912

Ant. Lanzon,
President.

Walter Agius.
Segretarju.

Il Banc ta Malta

Malta, fis-27 ta Novembru 1912

Illmu. u Revmu.

Monsinjur Paŭlu Galea, I.C.D.

Sinjur,

Niddichjaraŭ li il bkija li għad haŭn sa'llum f'dan il Banc tal *Caxxa tat-Tifdil tal Għakda tal Appostolat tat-Talb* titla' £2595.10.3 (elfejn, ħames mija u ħamsa u disgħejn lira, għaxar xelini u tliet soldi).

B'li stima collha
Ghall *Banc ta Malta*

Alfonsu Cauchi,
Caxxier.

Frangiscu Pace,
President.

Mil Lucerna tal Hajja.—35 Fis-Saltna t'Alla ma tidħolx bla tbatijet cbar: għax ħlas cbir jintgħata ta xogħol cbir.

# Il Concors ta poeżija fuk il Milied

ghalak iż-żmien tieghu nhar is-sibt li ghadda, bħalma ħabbarna il gimgha l'oħra: u l'aħħar chelma li ghedna ma marretx marriħ ghal-collox, ghax il *Concurrenti* saru *ghaxra.*

Il-lejla, fl'erbgha u nofs, il Professur Dun Carm Psaila u is-Sur Albertu Cesareo jiltakghu flimchien il Palazz Caraffa, fl'Uffizzju tal *Habib*: u kuddiem id-Direttur ta din il gażetta, jiftħu il ghaxar ittri li fihom jinsabu maghlukin il poeżiji, biex l'eŭŭel jeżaminaŭhom ŭaħda-ŭaħda u imbaghd jiżnuhom bir rekka collha ma xulxin, sa chemm jaslu biex jatu is-sentenza taħħom. F'chelma ŭaħda, isir collox scond il pattijet tal *Concors*, chif jinsabu stampati fil *Habib* tal 15 ta ottubru: u nitolbu il *Concurrenti*, anzi il Karrejja taghna collha, li jiflihom tajjeb daŭc il pattijet—l'actar fosthom, imbaghd, it-tielet u il ħames patt—ghax ghad li ghandhom jiġu collha 'mħarsin bħal *Cmandamenti* li ħadd ma jista jicser, daŭc it-tnejn ifissru x'in huma id-dmirijet tad-Direttur u taż-żeŭġ Imħallfin.

Jecc, bħalma nixtieku, joħroġ ŭieħed rebbieħ ghal-collox, icun min icun, nifirħulu mn'issa.

FL-GHAMIL TAN-NATURA
MA GHANDUX X-JAKSAM IL CAS.

Jecc xi ħaddiem il-bini fil-uakt li jcun kieghed jibni xi dar, jaħseb fil fini ta' din iddar, ifittex li f-cull parti tagħha jcun hemm id-daks minħtieġ; jinkeda ucoll bil-mezzi, li bihom għandu jicseb dan il-fini, sigur li haun ir-ragiuni jġġaghalna nghidu illi fil-ħedma ta'dan il-ħaddiem ma għandux x-jaksam il-cas. Mela jecc issa jirnexxilna li nuru illi fl-għamil tan-natura jinsabu daun it-tliet ħuejjeġ, jigifieri l-fini ta' dan l-għamil, id-daks fih u l-mezzi li bihom isir dan l'għamil, ucoll għandna intennu illi f-dan l-għamil tan-natura ma għandux x-jaksam il-cas.

Fost tant għamilijiet li taf ittemm in-natura hu biż-żejjed li nagħżlu uieħed biex nuru s-suggett tagħna u dan hu: "L'annimali jfittxu illi jieclu." Dan hu għamil tan-natura, għaliex in-natura jġġagħal illi l-annimali jfittxu li jieclu. Issa min ma jafx illi l-annimali jfittxu li jieclu, sabiex ma jmutux, sabiex jibkgħu ħajjin? Dan hu l-euuel nett il-fini li jinsab f-dan l-għamil tan-natura. Imma in-natura, biex ticseb dan il-fini, b-liema mezzi tmur tinkeda? Għalhecc hi tmur ticsi l-art b-cotra cbira ta' ħxejjex, ta' kamħ, ta' frottijiet; tmur iżżiegħed l-arja bit-tajr, il-baħar bil-ħut, il-boschijet bl-annimali feroci; u minn dan it-tbiddil ta' ħuejjeġ huma jieclu u jieclu chemm jidhrilhom: daun il-ħuejjeġ li minnhom jieclu huma l-mezzi. Imma dan l-ichel, li bih jinżammu ħajjin l-annimali, hu mdakkas u mdakkas għal cull uieħed minnhom; u għalhecc cull annimal għandu ħalk biex jibilgħu, għandu l-palat biex itgħemu,għandu s-snien biex ichissru, jfarcu u jidħnu. B-hecc l-ichel icun imdakkas, u għalhecc f-dan l-għamil tan-natura mux biss li hemm il-fini u l-mezzi, izda ucoll hemm id-daks fl-ichel.

Biex narau iżied biċ-ċar dan id-daks fl-ichel u t-tibdil tiegħu, ngħaddu mil-euuel tibjid (digestioni), li l'annimali jagħmlu f-ħalkhom, għad-digestioni l-oħra li tintgħamel f-li stoncu tagħhom u b'môd ta' cbir għageb. U dina chif issir? Jeuilla l-cas jagħmilha? lè, iżda ssir bl-acbar dehen, bl-ordni u mux mingħajr ħsieb. Mela uara li f-ħalk ta' l-annimali tintgħamel l-euuel digestioni ta'l-ichel dana jinżel f-li stoncu li jgħaġġeb il-cull-ħadd bill-ħedma tiegħu, għaliex biex itemm din il-ħedma, jinkeda b-ħeġġa u bi-ħmira mdakksin u b-kauua biżżejjed ta' siltiet tan-nervi u tal-laħam, li geuua għandhom fir-riti tagħhom inforra li donna tal-bellus u mimlija b-għokdiet l-iżied ċchejcnin, sabiex scond ma jcun hemm bżonn, l-ichel minnhom miżmum jitrattab, jiċċaklak, jinħall u fi-ġdid gozz artab, li gej mit-taħlit ta' l-ichel u taxxorb, jista' malajr jiġri min-niżla tal-bocca ta' li stoncu għal geuua l-canali ta' l-imsaren. X-jidhirlec, ja karrej! dan hu xogħol forsi tal-cas? Imma xin-hu dan ħada dic il-ħedma li ssir mita cull parti tal-gisem tieħu sehem mis-sustanza ta' l-ichel? Iva, din il-ħedma ġġagħalna bil-fors nistgħagbu u ngħidu illi fiha xejn ma għandu x-jaksam il-cas.

*(Jissocta)* E. F.

# Ma dûar il Gżira.

Jiddispjacina aħna ucoll—bħala Insara u bħala Maltin—li is-Sur Carm Bezzina, *Messmen* fuk turpidiniera ingliża, miet f'li Scozja, boghod mil familja tieghu; u f'li stess ħin nifirħu li hemm sâb il għajnuna collha fil marda u fil meŭt, ghax barra milli dâru biħ ħafna f'li Sptar ta Invergardon, sarlu ucoll funeral sabiħ, bl'onuri militari li chienu jistħokkulu għas-servizz tŭil tieghu; u saħansitra il Cmandant Tillard rafa il ħsieb li jidher hu f'lôc il familja tal mejjet. Imma la il *Malta Chronicle*, li tatna daŭn l'aħbarijet collha, u inkas il *Gazzetta di Malta*, li giebet in-*Necrologija* tieghu, ma kâlulna fejn giè midfun u x'ghodda t'Alla chellu. Chellmuna fuk collox, barra mir-Religjon: u dan hu ŭisk actar tal-impurtanza, ghax l'eŭŭel ir-ruħ u imbaghd il gisem.

—Fil Cnisja il ġdida tal Marsa, li is-Sur Balbi u is-Sinjura tieghu, f'kasir żmien, icollhom il faraġ cbir li jaraŭha miftuħa ghall kima t'Alla, kieghdin jitkieghdu il qûadri: u smajna min ifaħħar ŭisk daŭc li ħadmu is-Sur Ġanu Vella u is-Sur Mast Giuseppi Duca. Malli icollna siegha żmien, immorru naraŭhom u imbghad nitchellmu fukhom u fuk l'oħrajn collha.

—Niżżu-ħajr lid-Diretturi tal *Malta taghna* u tas-*Salib*, li ghoġobhom iħabbru in-nitfa ta *Cunferenza bil Malti* li chellu jaghmel id-Direttur tal *Habib*, ghat-tieni darba, fil Cażin tal *Unjoni Catlolica*: u nitolbuhom li jibkghu dejjem iħabbru il *Cunferenzi*, chif ucoll dac li icollu isir fit-Teatrin u fiċ-Cinematografu tal Palazz Caraffa, ghax hecc icunu jieħdu sehem fix-xoghol u fil gid li il *Cumitat tal Appustolat tat-Talb* kieghed jaghmel ghan-nies tas-snajja u ghall ħaddiema: u icunu jafuhulhom Alla u il Pajjiż. Frattant, il *Cunferenza*, 'mħabba xoghol ieħor tal ghaġla li chien hemm bżonn isir fil Cażin, tħalliet ghal darb'oħra: imma il gimgha id-dieħla nibdeŭ 'ngibuha fil *Habib*, chif ippropona Monsinjur Galea u intalab min bosta oħrajn mita saret l'eŭŭel darba.

—Jiddispjacina li ŭaslilna tard is-Sunett tas-Sur Giuseppi Attard, mir-Rabat ta Ghaŭdex: imma, ghad li il festa tal Cuncezzjoni tcun ghaddiet, ingibuħ il gimgha id-dieħla.

—L'articlu tas-Sur Micallef Gozzi P.P., fuk il *Ġmiel u il Crugha tal ŭard*, icollna inħalluħ ucoll ghal darb'oħra.

—Mhux biss it-Teatrin ta cull nhar ta ħadd, imma ir-Rappresentazzjonijet ta ma tul il gimgha (it-tlieta, il ħamis u is-sibt, biċ-Cinematografu, bil Farsi maghmulin mill-l'aħjar Dilettanti tal *Concordia* u bil Canzunetti bil Malti, ħelŭin tas-seŭ, bħalma ifisser l'Avviż tas-Segretarju) kieghdin jiġbdu ħafna nies ghas-Sala tal Palazz Caraffa. Min irid jiddeverti bla ma jaħrak ruħu, ma ghandux actar scużi: ħlas inkas minn cull-imchien, qûasi b'xejn; u divertimenti mill'isbaħ u mill'actar imżeŭŭkin.

—Ilbieraħ tl'ura, il Professur Patri-Majjistru Cuschieri, gieħ u żîna, mhux biss tal Ordni Carmlitan, imma tal Gzira taghna chif iddur, bida il priedchi tal Avvent fil Cnisja ta *San-Ġŭann*: u ŭira, f'siegha li ghaddiet bħal ħames minuti, ħaġa ŭaħda biss: ħaġa li ħareġ biha f'fommu cull min chien hemm: ŭira li ma ghandniex bżonn niġru ŭara il cbar ta barra, ghax ghandna il cbar f'dârna. Il Professur Cuschieri, li bħalma jaf ighallem il *filosofija* fiha infisha geŭŭa l'Università, jaf ixandar il *filosofija tar-Religjon* minn fuk il pulptu, tâna il ŭard u tâna il frott: u daŭc li drabijet oħra imleŭ il *San-Ġŭann* sa taħt l'aħħar irchieni tan-navijet ma chellhom ebda scuża biex ilbieraħ tl'ura ma jinsabux hemm, ħlief, forsi, jecc ma chienux jafu li chellu jippriedca il Professur Cuschieri, ghax il gażetti taljani u ingliżi ma dakkeŭx it-tabar biħ. Aħna stess ma smajniex li chellu jaghmel l'Avvent hu, ħlief nhar is-sibt fil-ghodu: u chiecu ma morniex, conna nitilfu telfa cbira. Dan biss nghidu lill karrejja taghna li jafu bit-Taljan: u, f'ħajjet Alla, ghandna bosta.—Il priedca tibda fil ghaxra, cull nhar ta ħadd.

# Skilled labour.

Is-Sur Easton kâl lill'Avucat Bartolo, fl'ittra li chitiblu dan l'aħħar, li geŭŭa l'Aŭstralja hemm bżonn biss ta li *Skilled labour*, ghaliex *unskilled labour* hemm bil bosta.

Nibdeŭ ghalhecc biex naraŭ x'inhu *skilled labour* u x'inhu ucoll *unskilled labour.*

*Skilled labour* hua xoghol tal ħila, jeŭ, biex niftehmu aħjar, is-sengha chif jitghallmuha it-Tedeschi u it-Taljani fuk il banchijet ta li schejjel tad-disinn, mal cotba li jittrattaŭ fuk is-snajja u taħt it-trigija tal akŭa mghallmin, fi mħadem (opificji) mghammra bl'aħħar ghodod li dehen il bniedem gharaf jinventa.

L'Aŭstraljani, nies bħal daŭn li haŭnfuk semmejna, ighodduhom għ pajjiżhom bħala rebħa u jilkghuhom b'idejhom miftuħa.

*Unskilled labour* hua ix-xoghol ta bla ħila. Hua ix-xoghol li ghaliħ il ħaddiem jaħtieġ biss il kaŭŭa ta dirghajħ. Ix-xoghol li daż-żmien fid-dinja jaghmluħ biss il gharab, l'indjani u iċ-ciniżi.

U il maltin disgrazzjatament kieghdin isibu cull-fejn imorru li m'humiex tajjbin ħlief ghax-xoghol ta bla ħila. Istenħbu, aħŭa ħaddiema, beghedu minncom il ħsieb li ma ghandcomx bżonn titghallmu jeŭ li tafu biż-żejjed.

Illum, taf chemm taf, katt m'hu biż-żejjed, id-dinja marret ŭisk il-kuddiem u aħna bkajna ŭiekfin fejn conna mit sena ilu. Illum in-nies trid l'affarijet bil gost, trid l'affarijet dejjem ġodda, trid tara iddisinjat fiċ-ċochon dac li ŭara tordnalec fil cbir. Itghallmu, ghalhecc,itghallmu l'eŭŭelnett id-disinn: schejjel ghandcom, gharucaża ħadd ma jiffreqûentahom, araŭ x'jaghmel ħaddieħor billi takraŭ il ġurnali u il cotba: u daŭn huma bosta, li haŭn mictubin apposta ghan-nies tas-snajja.

Jena nixtiek li din il biċċa jeħodha taħt idejħ is-Sur Commendatur Alfonsu Marija Galea, li ma bakax x'jaghmel ghall ħaddiema, u jakleb bil malti fl'imfaħħrin cotba tieghu (*Il moghdija taż-żmien*) ftit minn daŭna il cotba fuk is-snajja.

C. B.

# Ma dûar id-dinja.

L'orizzont tal politica tal Lvant donnu bida jiċċara. Ŭara li il plenipotenzjari tat-Turchija u ta li Stati Balcani chienu chisruha, ghaliex it-Toroc ma riedux jokoghdu ghall condizzjonijet li chienu ghamlu l'oħrajn, u is-Sultan chien ordna li titcompla il gŭerra, raġghu intakghu minn ġdid biex

jiftiehmu bejniethom taħt condizzjonijet inkas umiljanti.—Donnhom ftehemu li Cjatalġija ghandha tibka ghat-Toroc. Fejn hemm biża li ma jiftehmux, hu fuk Adrjanopoli, li cull-ħadd iridha ghaliħ. Nittamaŭ li fis jifteh-mu. Iżda l'armistizju ghadu ma bidiex: infatti il Grieghi gharrku canuniera torca fil port ta Aivalik, fejn Smirni, u is-Serbi ħadu Ochrida, u resku ħafna lejn Durazzo.

Il colêra ghadha tixghel tant fost it-Toroc, chemm fost is-Serbi u il Bulgari: bosta tobba frustieri jinsabu fil post u fostom tlieta ingliżi.

Barra mil biża ta xi taħŭid bejn is-Serbja u l'Aŭstrja, ghaliex dina ma tridx li l'oħra icollha portijet fl'Adrjaticu, taħŭid ieħor donnu sejjer jinkala ghaliex l'Albanija, li is-Serbja chienet xeħtet ghajnejha fukha, ipproclamat l'indipendenza u Durazzo u bliet oħra tellghu il Bandiera Nazzjonali, li hi ħamra b'ajcla seŭda.

—Fit-2 ta dicembru il Papa ghamel Concistor u fiħ tà il cappell lil ħames Cardinali.

—F'Londra, bniedem li hu *chauffuer* (isuk *aŭtomobbli*) gibed tliet tiri fuk Sir Edward Henry, il Cap tal Polizija ta Londra, u ferieħ ghall meŭt. Jissoponu ghal xi vendetta.

Fl'Inghilterra, il ġranet li ghaddeŭ chien hemm tempesta cbira b'riħ l'actar kaŭŭi, specjalment Edinburgu, ŭakghu ħitan u bosta ċmieni, li katlu sittax ir-ruħ.

Ħafna bastimenti gherku f'Dublinu u vapur iffonda fil Canal u gherku ħamsa minnies.

L. M. C. G.

## FUK IL PARRUCHIERI.

«Manchester Saloon»
41, Sda. S. Alessandro,
Valletta.

Sur Direttur tal «Ħabib,»

Billi ħadt ħafna piacir fuk dauc l'erba chelmiet li int ghedt lil dac il *barbier* fil «Ħabib» tad-19 ta Novembru, iddecidejt li ngharrfec xi ħaġa li forsi int m'intix intis minnha bizzejjed.

Riguard li il parrucchieri ighiru ghal xulxin, chif forsi int informat, inghejdlec li m'humiex collha; chif difatti jena u tlieta oħra, sa fejn naf jen, sgur li minn sitt snin l'haun ilna naghalku dejjem fis-sigha jeu kabel, u jen billi armajt uara, bkajt nghalak dejjem bhalhom. Ghaldakstant li bidu hua mibdi u ilu mibdi actar minn sitt snin, chif difatti meta xi sitt snin ilu chienu ftehmu il parruchieri collha tal Belt biex nhar ta Ħadd jghalku collha, chien hemm fosthom xi frustieri, u chienu contra din l'opinioni, u ghalhecc bakghu jghalku biss daun it-talin li già semmejtlec, li huma:

Carmelo Galea, ta Strada, Mezzodì,
Raffaele Lungaro „ „ „
Antonio Lopporto „ „

jen min mindu armajt dejjem ghalakt bħalhom.

Ghalhecc li din ma seħħetx, m'hix ħtija tal maltin, iżda tal frustieri, specialment ta dauc li ghandhom li stabilimenti cbar.

Ghaldakstant nitolboc li tieħu ftit in considerazioni din il biccia, u iggib xi ħaġa fil «Ħabib» fejn turi li il ghira m'hux mill maltin gejja, izda mill frustieri, u nispera li bill chelma tighec, billi turi li il mancanza hi taħħom, tcun tista tghamel xi gid, chif dejjem ghamilt, tant ghal patrja chemm ucoll ghar-religion.

Inselli ghalic ħafna u ghoddni dejjem,
is-serv umili tighec
PAOLO GALDES.

## Chitbulna:—

I.

Fit-28 ta Novembru, 1912.

Ghażiż *Ħabib*,

Daŭc il ħelŭin tat-*Tasmanja* ŭaħħlu f'rashom li, jecc jibdeŭ isiru iż-żŭiegijet bejn il Maltin u it-Tasmanjani, joħorġu tfal siŭed, forsi ghax il leŭn kaŭŭi taghna jaghleb il leŭn mejjet taħħom: u ghal hecc sejjħulna *Sinjuri tal leŭn.* Imma, jaħasra, ghandhom żball oħxon! Il Conti Strickland jafuħ tajjeb daŭc il ħbieb tat-Tasmanja, ghax chien Gvernatur taħħom. Imma il Conti Strickland, ghad li hu bin Ingliż u Maltija, m'hux *isŭed*, anzi *abjad* iż-żejjed, abjad actar mit-Tasmanjani! Mela, aħna, mhux *tfal siŭed*, imma *Gvernaturi tat-Tasmanja*, naghmlu bit-taħlit ta demmna mad-demm tal *Bojod!* U, b'dan collu, jistghu jokoghdu bi qŭiethom, ghax demmna actar sâfi minn taħħom: jakraŭ li *Storja ta Malta* u li *Storja tat-Tasmanja*—u jindunaŭ malajr ghala u x'fatta. Imbghad, biex nitħalltu flimchien, tcun ħaġa cbira, ghax, barra mir-Religjon, jigifieri li il *Papisti* (hecc lakkmuna daŭc il ħelŭin tat-Tasmanja, biex taparsi ighajjruna li aħna *Cattolici*) ma jistghu jingibdu katt ghall *Protestanti,* hemm baħar ieħor f'nofsna: hemm li aħna nar u huma silġ! Hemm li aħna nisel sâfi u gebbieda dritta ta daŭc il cbar li, mita Carlu Ħamsa rahan il pajjiżhom, nefku biex fdeŭħ gidhom u bieghu saħansitra id-deheb tan-nisa taħħom — ta daŭc il cbar li ċarċru demmhom biex checceŭ minn haŭn it-Toroc u il Franciżi — ta daŭc il cbar li, irgiel fidili, mita ħelsu mil ghedeŭŭa u geŭ sjed ta pajjiżhom, taŭħ minn jeddhom lill'Inghilterra; u huma, bil bjuda taħħom collha, m'humiex ħlief in-nisel ta daŭc li l'Inghilterra chienet tibghat hemm, itturrufnati, biex teħles il pajjiżhom minnhom! Aħna, mela, ŭard u żahar ta Poplu civil, maħbub u rebbieħ; u huma lakx ta Poplu, imŭarrab mir-riġlejn!

Forsi, tchellimt ftit jebes! Imma din gharucaża, li cull-ħadd iżeblaħna u ħadd mil Cbarat ma jakbeż ghalina.

Collni tieghec,
G. G.

—

II.

CAŬSA CELEBRI.

Il ġurnali colla ghandom ir-Reporter taħħom fuk ir-rappresentazionijet teatrali, ghaljex ma ghandux icollu ucoll il *Ħabib*? Ghal dan anzi hua meħtieġ ghaljex l'Unjoni Cattolica, li hŭa l'organu taħħa, ghanda it-Teatrin ghaliha sabjex iġġaghal lil cullħatt jiddeverti bla ma jonkos f'xejn. Nibdeŭ mela bjex nitchellmu fuk id-Dramm cbir li sar nhar il Ħadd, 24 ta Novembru, li jismu «Caŭsa Celebri.» U chienet rappresentazioni celebri tasseŭ tant fix-xjoghol tal Atturi chem ucoll fil cotra tan-njes presenti u fil qŭalità taħħom: chjen hemm verament piacir u kabel xejn ma nitchellmu mil Atturi ŭiħed ŭiħed inħossu li ghandna inghidu dac li kall cullħatt bil cliem u bl'applaŭsi li chjenet verament ħaġa celebri u taghmel unur lil cullħatt.

Giovanni Renaud, l'accusat u iccundannat bla ħtija, chjen is-Sur A. Argento u ŭera tas-seŭ chem hu attur xieref, specialment fil cundanna, meta gharaf lil bintu Adriana ŭara 15 il sena u meta inchixfet l'innocenza tighu.

Il Curunel u imbaghat il Gvernatur ta Provenza chjen is-Sur G. Mercieca, illi jista jissejjaħ ŭisk tajjeb Artista maghmul bħala caratterist.

Is-seftur Chamboran li chjen is-Sur S. Cassar ma satax jintghazel aħiar, ghaljex ghandu grazia tasseŭ iżom allegru il publicu, anche fi Dram tal bichi bħal dac ta nhar il Ħadd.

Il parti tal Assassin u imbghad tal fint Conti Morian ghamilha is-Sur Scicluna u kalaħħa mill'aħjar.

Il Contessa chjen is-Sur R. Vidal u fuk dan ma nghidux ħljef dac li kalu dejjem cull mita deher fuk il palc: veru tajjeb.

Kala mil aħjar il parti tighu is-Sur A. Borg bħala Valentina, specialment fil lotta delicata mighu innifsu jech ghandux juri l'innocenza ta Renaud missier il ħabiba Adriana bil periclu tal cundanna ta missiera il Conte Morian. Tajjeb ŭisk u jisthokklu cull xiorta ta tifħir is-Sur O. Cumbo li ghamel il parti l'eŭŭel tal mara imbaghad tat-tifla tas-Surgent Renaud, Adriana. Hŭa veru li is-Sur Cumbo ilhu jirrappresenta, imma hŭa veru ucoll illi ghandu grazia u ħila tal ghageb. Ebda chelma ma ighid u ebda mossa ma jaghmel, li ma tcunx f'loca fi qualunque circostanza li jinsab fiha u ħatt ma jixba jaraħ in scena.

Ridna nitilghu dejjem il fuk fil meritu u ghalec contra ir-regola tal cronaca teatrali, floc ma bdejna, spicciajna bin-nisa, jeŭ b'minn chjen jaghmel ta mara.

Brava il Cumpanija «Concordia», li qŭasi colla hjia meħuda mis-soci tal Unioni Cattolica!

VERAX.

## Unjoni Cattolica San Giusepp.

—

AĦBARIJET.

Nhar il ħadd li gejj, fil ghaxra u nofs ta fil ghodu, issir il lakgha generali tal Imsieħbin.

Fl'14 tax-xahar, is-Sibt, fit-3 ta ŭara nofs in-nhar, tinfetaħ *Fiera* u titcompla il-ħadd ucoll sa fil ghaxija. Il klieħ imur ghall bżonnijet tal *Ghakda ghall ghajnuna ta xulxin.*

Cull nhar ta tlieta, ta ħamis u ta sibt, fis-sitta u imbaghd fis-sebgha u nofs, isir iċ-Cinematografu, Farsa u xi Canzonetti; nhar ta ħadd, imbaghd, icun hemm Teatrin fit-tmienja ta bil lejl.

Fit-3 ta dicembru, 1912.

WALTER AGIUS,
*Segretarju.*

Itolbu biex Alla tal ħniena jati il mistrieħ ta dejjem lir-ruħ ghażiża tal

**Armla Frangisca Portelli,**

li mietet ix-Xaghra (Ghaŭdex), ta 34 sena, ŭara marda tŭila. Barra minn ħutha, bniet u subien, ħalliet jibcuha tnejn mill'ulied. Chienet mara 'msemmija ghall tjubitha.

V. C. D.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

# Taħbit il moħħ.

+ ‖ +
+ ‖ +

M. C.

L'aħħar XARADA chienet:

*Geru-sâl-hemm* = GERUSALEMM.

Ma giebhiex tajjeb ħlief is-Sur Giuseppi Attard, mil Belt.